KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 27 — IS-SITT KUNSILL

Is-seba' u għoxrin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 26 ta` Jannar, 2011** fis-5.40 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

## PREŻENTI

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Julian Galea, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

## UFFIĊĊJALI PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

## SKUŻATI

Il-Kunsilliera Yves Bobby Cali u Martin Debono.

## ASSENTI

Il-Kunsillier Nikki Dimech.

i. Il-Kunsillier M. Aquilina talbet li l-agenda tiġi sospiża għaliex xtaqet tipprezenta dokument (Dok. A anness mal-minuti).

ii. Is-Sindku J. Gonzi ma sabet l-ebda oġġezzjoni.

***Il-Kunsillier P. Pace dahal ghas-seduta fis-5.45pm.***

iii. Il-Kunsillier M. Aquilina tat spjegazzjoni dwar kull punt ipprezentat minnha fid-dokument anness.

iv. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv assiguraw lill-Kunsill li huma mxew skont kif jitolbu minnhom il-Ligijiet ta' Malta.

v. B'referenza ghal punt numru 2 tad-Dokument A (anness) is-Segretarju Eżekuttiv ccarat li Segretarju Ezekuttiv huwa tenut bil-liġi li meta jiġi mitlub informazzjoni minn awtoritatjiet kompetenti ghandu jinzamm is-sigriet professjonali.

vi. Il-Viċi Sindku xtaq jiċċara punt 5 tad-Dokument A (anness). Il-Viċi Sindku qal li kulħadd jista' jagħmel username u password u jkollu access ghall-istess kompjuter.

vii. Is-Sindku irreferiet għal Memo 89/2009 li kienet diġa tqassmet lill-kunsilliera f'Lulju li għadda u fakkret li kull Kunsillier irid javża bil-miktub meta dan ma jkunx jista' jattendi laqgħa tal-kunsill.

***Il-Kunsilliera M. Aquilina u S. Camilleri hargu mis-seduta fis-6.15 ta' filghaxija.***

Fi tmiem id-diskussjoni dwar id-dokument il-laqgha tkompliet bl-agneda kif imsejjha.

**27.3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

27.3.1 Is-Sindku pprezentat proposta biex il-Kunsill jiehu sehem fi progett flimkien ma Flimkien ghal Ambjent Ahjar.

***Il-laqgha giet sospiza biex titkellem is-Sinjura Astrid Vella fis-6.17 ta' filghaxija.***

27.3.2 Il-Kunsill kien infurmat mis-Snjura A. Vella dwar partecipazzjoni fi proġett dwar Villa Boniċi. Ġie innutat li dan il-proġett se jiswa lill-Kunsill madwar Eur 750.

27.3.3 Is-Sndku pproponiet li jsir dan il-proġett organizzat mill-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-ghaqda mhux governattiva Flimkien Ghal Ambjent Ahjar u l-Universita ta' Malta. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera N. Gauci u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsillier E. Cuchieri astjena.

***Il-Kunsillier N. Gauci hareg mis-seduta fis-6.45 ta' filghaxija.***

Peress li ma kienx hemm kworum is-Sindku aġġornat is-Seduta ghal 4 ta' Frar 2011 fil-5.30 ta' filghaxija.

Johanna Gonzi
Sindku

Svetlana R. Cumi
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........11........ ......... ta' ....Mejju.... 2011.
(jum) (data) (xahar)